MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 80/2014

Appell Nru: 80 & 93/2014

Il-Pulizija

Spettur Ian Abdilla

Vs

Ivan Muscat

Illum, 15 ta' Jannar, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Ivan Muscat, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 579976M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'Gunju 2007, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer kif wkoll barra minn dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. Ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja ghaqda ta' zewg persuni jew aktar (u cioe' flimkien ma' diversi persuni f'Malta) bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali (u cioe' diversi atti ta' korruzzjoni, falsifikazzjoni ta' dokumenti, u atti ohra) li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 83A(1), u (5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. Fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, appartjenew ghal ghaqda msemmija fis-Subartikolu (1) ta' l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 83A(2), u (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Lil omissis u lil Ivan Muscat wkoll talli f'Gunju 2007, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozzijoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

3. Fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalih huw ma kellu jedd; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 115 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. Fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew fil-kapacita' tieghu ta' impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus

jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li il-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-Ligi; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 112 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

5. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, wieghdu, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti ta' sub-titolu 121A(1) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghlu lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 121A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

6. Fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST); (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

7. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' certifikati mahrugha mill-

MCAST, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew bidlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukool talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

8. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, iffalsifikaw cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment publiku iehorimwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll talli xjentement ghamlu uzu minnhom; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 16 u 169 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta)

9. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficcjal jew impjegat pubbliku, waqt illi kitbu atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, biddel bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi tieghu, sew billi nizzel pattijiet diversi minn dawk li jkunu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikjara bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma jkunux; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 180 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

10. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficcjali jew impjegati publici, illi minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu minn tali dokumenti; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 185 u186 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta)

11. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta)

12. Fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta)

13. Fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, ikkommetta tali reati, filwaqt li kienu ufficjal jew impjegat pubblici, b'hekk sar hati ta' reati li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi. (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 141 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjes li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fl-20 ta' Frar, 2014, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-14 ta' Mejju 2008 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 31, 115(c), 308, 309, 310, 185, 186 u 141 tal-Kodici

Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tat-tielet(3), tas-sitt(6) tal-ghaxar(10) u tat-tlettax(13)-il imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u ikkundannatu sentejn(2) prigunerija. Il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1), tat-tieni(2), tar-raba'(4), tal-hames(5), tas-seba'(7), tat-tmien(8) u tad-disa'(9) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu minnhom. Stante li l-hdax(11) u t-tnax(12)-il imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghall-ghaxar(10) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Marzu, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, sabiex tigi mhassra u revokata is-sentenza moghtija in prim istanza, Kawza Nru. 48/2012 li giet deciza quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali quddiem il-Magistrat Dr. Audrey Demicoli, fil-20 ta' Frar 2014, fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija Ezekuttiva ta' Malta Vs. Ivan Muscat, detentur tal-karta tal-identita' numru 579976(M)** u tigi riformata d-decizjoni gudizzjarja ta' din il-Wisq Onorabbli Qorti billi jigi dikjarat li l-istess Ivan Muscat ma ghandux jinstab hati tal-akkuzi hekk kif dedotti u mressqin kontrih, u dan bil-liberazzjoni tal-istess imputat qua appellat.

Tant sabiex issir il-vera gustizzja, u tant sabiex fi kwalunkwe kaz, anki f'kaz ta' htija li din il-Wisq Onorabbli Qorti, joghgobha tinfliggi xorta wahda, din ma tkunx wahda karcerarja, tenut kont li l-istess imputat qua appellant, rriforma hajtu sew, minn dakinhar stess li gie interrogat, u zgur ma ghandux isofri tali piena, meta llum ghandu familja x'jiehu hsieb, u meta hu kien sincier mill-bidu nett meta gie zvelat fl-intier tieghu, dak li kriminalment kien qed isir mill-Imghallem tieghu John Farrugia, meta huwa sfortunatament kellu jservi minghajr ma jaf sew, fi processar ta' xi haga li ma kelliex issir, indipendentement minn kollox u minn kwalunkwe haga ohra.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Marzu, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, sabiex jogħġobha **<u>tirriforma s-sentenza</u>** appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat hati tat-tielet (3), tas-sitt (6), tal-ghaxar (10) u tat-tlettax (13)–il imputazzjoni u fejn ma sabitux hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-seba' (7), tat-tmien (8) u tad-disa' (9)

imputazzjoni u fejn iddikjarat illi stante li l-hdax (11) u t-tnax (12)-il imputzzjoni nghataw bhala alternattiva ghall-ghaxar (10) imputazzjoni astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom; kif ukoll fejn ikkundannatu ghall-piena ta' sentejn prigunerija, b'dana pero li ma tali piena, tapplika ukoll l-interdizzjoni ai termini tal-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll il-konfiska ai termini ta' l-artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1) ILLI l-imputat qua appellant Ivan Muscat skond dak li sehh fil-fatt u fid-dritt, kemm tenut kont tal-kariga u r-responsabbilita' amministrattiva u impjegattiva li kien jokkupa, hekk kif kumparata ma' dik li tinkwadra ruhha ezatt mad-doveri li kellu l-Imghallem tieghu John Farrugia, ma tista' qatt titqies bhala kariga u responsabbilita' ta' ufficcjal pubbliku jew dipendent pubbliku, u allura l-imputazzjonijiet li fuqhom gie misjub hati ma jreggux fil-konfront tieghu, u ghalhekk ghandhom jigu respinti bil-liberazzjoni wkoll tal-istess imputat qua appellanti kif ser jigi analizzat fid-dettal fil-fatt u fid-dritt taht dan l-istess aggravju;

2) ILLI minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju surreferit, f'materja ta' komplicita' kriminali, u biex tigi analizzata bir-reqqa tali komplicita', jekk jigi respint l-ewwel aggravju, u Ivan Muscat jigi kkwalifikat bhala ufficcjal jew dipendent pubbliku wiehed bilfors irid jibbaza u minghajr margini ta' dubju, sabiex issir aggudikazzjoni gusta, fuq dak li jkun ghamel il-perpetrant tar-reat kriminali, b'tali mod li jasal ghall-konvinciment reali, u b'gustizzja, jekk Ivan Muscat, kienx komplici kriminalment bl-agir tieghu jew addirittura kienx verament vittma ta' min kellu kull setgha, li jikkontrolla, jassigura, u

jamministra b'mod assolut u esklussiv is-sezzjoni governattiva u amministrattiva li tahta, l-istess Ivan Muscat kien biss inkarigat jaghmel processar ta' xi haga lesta biex tigi processata biss, u dan kif ser jigi analizzat fid-dettal fil-fatt u fid-dritt taht dan l-istess tieni aggravju;

3) ILLI minghajr pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni aggravji surreferiti, anki se mai jekk din il-Wisq Onorabbli Qorti ta' Appell, xorta wahda taghzel li tinkwadra ir-reat kommess mill-imputat qua appellanti Ivan Muscat, taht il-protezzjoni tal-Artikoli l-Artikoli 17, 18, 31,115(c), 308, 309, 310, 185, 186 u 141 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, xorta wahda, ghandu jigi meqjus illi l-piena nflitta hija wahda li ma tirripekkjax il-fatti ta' dak li verament gara f'dan il-kaz, u per di piu', ta' dak li Ivan Muscat ghandu jigi attribwit lilu bhala punizzjoni, skond il-fedina penali tieghu li hija wahda nadifa kif ukoll tal-kondotta tieghu li hija wahda nadifa u tajba;

*Punti ta' fatt u ta' dritt li ghandhom jiggustifikaw dan l-Appell a bazi ta' l-aggravji surreferiti*

ILLI l-imputat JOHN FARRUGIA li kien originarjament ko-akkuzat u ko-imputat ukoll fil-proceduri ta' kumpilazzjoni li nfethu fis-26 ta' Gunju 2007, skond tlett stqarrijiet li gew ukoll pprezentati mill-prosekuzzjoni fl-istess kumpilazzjoni li huma datati 12 ta' Gunju, ohra 13 ta' Gunju u ohra 26 ta' Gunju, jiddikjara u jikkonferma, mhux fuq bazi ta' versimiljanza izda bl-iktar mod car, dirett u oggettiv, illi s-sitwazzjoni u cioe` it-tmexxija tas-sezzjoni maghrufa bhala Small Ships Administration fi hdan il-Malta Maritime Authority kienet totalment kontrollata minnu in kwantu wkoll huwa kien il-kap esklussiv tal-officcju li johrog in-Nautical Licences fl-istess sezzjoni msemmija. Meta nghidu li dan il-kap tal-ufficcju li johrog

in-Nautical Licences, dan ifisser illi kwalunkwe certifikat li skond il-ligi jkun ezaminat wara ezaminazzjoni f'forma ta' kors marittimu li jsir mill-MCAST huwa ghandu jawtorizza mhux biss il-validita` tieghu ghax irid jigi redatt minnu stess, izda aktar importanti minn hekk, ghandu jawtorizza li dan l-istess certifikat jigi pprocessat mill-ufficcju tieghu.

ILLI fl-istess stqarrijiet l-aktar importanti ghalina hija dik li tolqot il-mod ta' kif jissemma Ivan Muscat u l-involviment tieghu f'din l-illegalita`, li bla dubbju ta' xejn saret mill-bidu sal-ahhar mill-perpetrant kriminali John Farrugia, jigi dikjarat u kkonfermat bl-iktar mod qawwi sabiex issir il-verament gustizzja f'din il-vertenza, **illi Ivan Muscat gie ndott fl-atti kriminali bl-iktar mod abbuziv minn persuna li hija l-kap tal-ufficcju tieghu, b'tali mod li fil-verita` ma seta jaghmel assolutament xejn dwarha, tenut kont tal-fatt li kwalunkwe azzjoni li seta' jaghmel kienet tipperikola bl-iktar mod qawwi x-xoghol klerikali ta' processar li kellu, u li finalment ma setax isir bl-ebda mod sakemm mhux awtorizzat mill-kap tal-ufficcju. Literally speaking Ivan Muscat was a puppet on a string.**

ILLI jekk wiehed jistudja u jevalwa b'attenzjoni assoluta d-dicitura tal-istqarrijiet li saru minn John Farrugia, u b'mod partikolari lejn l-istqarrija tieghu datata 12 ta' Gunju 2007 li kienet l-ewwel stqarrija tieghu, (a) apparti li fl-istqarrijiet tieghu John Farrugia xehed minghajr ebda pressjoni u b'mod verament dettaljat stante dak li gara, (b) jinnota wkoll li bhala kap ta' ufficcju huwa kellu diskrezzjoni assoluta u esklussiva mhux biss fid-decision making ta' l-istess ufficcju izda wkoll fil-kitba tac-certifikazzjoni u fl-awtorizzar tal-ipprocessar taghhhom. Ta' min jikkwota hawnekk dak li qal a fol. 55 tal-process fejn fl-istess stqarrija surreferita huwa jghid, meta gie mistoqsi:

*Tista' tghidli kif Ivan dahal fl-istorja, u kif kien involut?*

*Nghid li darba minnhom fil-bidu, fl-istess perjodu xi tlett snin ilu, Ivan kien gibidli l-attenzjoni li kien mar persuna b'certifikat li ma tantx ghogbu. Jiena lanqas biss saqsejtu minn kienet il-persuna biex nara jekk kienx xi wiehed minn dawk li kont ghamilt il-karta tieghu jien. Ghidtlu biex jekk irid jiccekkja mal-Maritime Institute. (IVAN MA KELLUX JEDD ICEMPEL GHALKEMM QALLU HEKK JOHN) Ma nafx jekk il-licenzja kienetx saret. Xi jumejn wara konna qeghdin nitkellmu u jien kont ghidtlu li seta' kien il-kaz li kien se jiltaqa' ma' dokumenti simili. Jien ghidtlu biex jaghlaq ghajnejh, u kont ghidtlu wkoll li stajna naqghilu xi haga. Hu kien staqsieni x'kien se jigri jekk jinqala' xi haga u jien kont ghidtlu biex ma joqghodx jinkwieta ghaliex kien hemm xi hadd il-ministeru li jien kont naf li seta' jghina. Ghidtlu hekk mhux ghax kont naf lil xi hadd, imma biex inserrahlu mohhu. Lill-istaff l-ohrajn qatt ma semmejtilhom xejn. Dwar Alexander Mizzi, Alice Peplow u nies ohra li kienu jahdmu hemm, nghid li dawn ma kienu jafu b'xejn, u hadd iktar ma hemm x'jaqsam f'din l-istorja. Dwar Alex Mizzi nghid li jiena kont narah strett wisq biex jidhol f'din il-bicca xoghol.*

ILLI hija hasra li fis-socjeta' ta' llum mhux biss insibu ufficjali pubbliku bhalma kien John Farrugia, li jabbuzaw mill-pozizzjoni taghhom b'tali mod, illi anki jgharfu jidentifikaw mhux il-black sheep tas-sitwazzjoni imma nies vulnerabbli li sfortunatament joqghodu ghall-kmand taghhom, minghajr il-possibilita' li dawn ikunu jistghu juzaw ir-rimedju ta' xi Whistle Blower Act, jew addirittura xi mekkanizmu li permezz tieghu ikunu jistghu isalvaw l-integrita' taghhom, il-familja taghhom, u wkoll, il-hajja lavorattiva taghhom li finalment hija l-hobza ta' kuljum ta' kull familja fi kwalunkwe zmien.

ILLI hawnhekk ta' min isemmi bl-iktar mod rigoruz illi:

Irrilevanti jekk hux tajjeb u hazin, Ivan Muscat kellu d-dover li bilfors jaghmel l-uniku xoghol li fi hdan l-istess ufficcju kien limitat ghalih, u cioe dak li jipprocessa certifikat awtorizzat minn John Farrugia, u dan indipendentement, minn kwalunkwe verifika li setghat jew li tista' issir fir-rigward kemm tac-certifikat kif ukoll tal-awtorizazzjoni stess li tkun inghatat lilu, u dan ghaliex ma kienx kompitu tieghu li jaghmel dan.

Gieli kien hemm kazijiet fejn fuq it-transfer form li riedet issir fuq l-opri tal-bahar, li ma jestendux ghal aktar minn 6 metri, u dan fil-kaz, fejn Ivan Muscat kien koncernat, Ivan stess, bhala clerk, kellu bilfors jobdi b'mod assolut l-awtorizazzjoni ta' transfer minghand John Farrugia fuq dawn l-istess opri tal-bahar, anki meta klijent jew persuna li tkun quddiemu ma jkolliex fil-pussess taghha l-I.D. Card. Dan kontra kull prassi u regola li suppost trid tigi osservata minn kull ufficcjal pubbliku li tahtu jaqghu id-dipendenti klerikali tieghu, ghaliex hija xi haga li bilfors riedet tigi awtorizzata minn John Farrugia stess, indipendentement minn kull rimarka jew osservazzjoni tal-clerk koncernat.

Tant kemm Ivan Muscat kien il-buttuna finali tal-ipprocessar tal-licenzji wara perkors twil ta' evalwar, certifikar u dokumentar, illi kellhom bilfors isiru skond il-ligi minn ufficjali pubblici koncernati, illi John Farrugia, kien strettissimu hafna fuq il-fatt li '**<u>jigi min jigi' inti trid tbaxxi rasek u taqdih</u>**.

Kien hemm okkazjonijiet in fatti, fejn individwu mar ghand Ivan Muscat bla identifkazzjoni personali kif rajna, u meta Ivan Muscat stess irrimarka li kellu bzonn li jiehu mieghu l-ID Card dan ghamel kjass shih, u John Farrugia kien cempillu biex igeghlu  u jordnalu sabiex jaqdih xorta wahda peress li kif kien qallu John Farrugia stess, dan l-individwu kien jafu personalment.

John Farrugia, stabbilixxa wkoll, illi hajtu minn mindu bdew isiru dawn l-illegalitajiet u l-irregolaritajiet esklussivament minnu kommessi, beda jghix hajja ta' Emir, u sa anki sahaq fl-istqarrijiet li mhux biss beda imur jiekol barra regolarment izda jaghmel hafna kapricci ta' bniedem benestant li fil-verita' kien qed juza l-flus t

ILLI biex ikun hemm il-kompletezza u l-kjarezza ta' dak li kien jigri fiz-zmien is-snin 2006 u 2007, il-process ta' kif kienu jigu mahrugin in-nautical licences dak iz-zmien qed jigi dikjarat, kkonfermat u spjegat bil-mod segwenti:

a) Kull individwu kien jaghmel kors qasir tal-Basic Seamanship and Safe Boat Handling; wara li jsir dan il-kors

b) Kull individwu jigi ezaminat oralment minn kaptan kwalifikat Malti tal-opri tal-bahar li fil-maggior parti taghhom dawn il-kaptani ikunu jahdmu mal-Forzi Armati ta' Malta fis-settur marittimu; wara li jsir l-ezami

c) Kull individwu irid jistenna sakemm jircievi ic-certifikat, u dana jekk ikun ghadd mill-ezami, li fuqu ikun hemm miktub li jkun ghadda, fuqu jkun hemm it-timbri tal-Maritime Insitute, li bazikament ikunu hamsa li jirraprezentaw il-hames credits li fuqhom kull individwu jigi ezaminat, u cioe 1) it-Teorija Marittima; 2) Immaniggjar tad-Dghajsa; 3) Il-First Aid; 4) Il-Fire Fighting; u 5) L-Ezami Orali; wara li jigi ricevut tali certifikat li fuq irid ikun hemm bilfors ukoll, il-firma tad-Direttur tal-Istitut Marittimu fi hdan l-MCAST, u il-firma tal-individwu per se li dak il-hin ikollu jiffirma;

d) Kull indivdwu kien imur ghand clerk partikolari taht John Farrugia, li minn hemm kellu id-dritt li jigi moqdi wara li jsir dan il-process kollu, billi tigi pprocessata lilu il-licenzja nawtika;

ILLI Ivan Muscat jiddikjara u jikkonferma u ghalhekk qed issir l-analizi retta fil-fatt u fid-dritt f'dan l-Appell odjern, illi huwa ma kellu assolutament xejn x'jaqsam kif gie ukoll konfortat bil-perizja legali li saret mill-Perit nominat mill-Qorti Martin Bajada, ma kwalunkwe certifikazzjoni li giet miktuba, u redatta ghall-iskop ta' ipprocessar ta' licenzja nawtika u aktar importanti minn hekk, huwa lanqas kien konxju li l-Principal tieghu kien qieghed jiffalsifika dokumenti minghajr ma l-indivdwu jghaddi mill-kors u mill-ezami tal-MCAST, u li tali ezaminazzjonijiet ma kienux qeghdin jigu certifikati wkoll bil-firma tad-Direttur tal-Istitut Marittimu. Huwa fil-pozizzjoni tieghu ta' Clerk lanqas seta' jwaqqaf l-ipprocessar ta' dawn ic-certifikati sakemm ma jehodiex kontra l-Principal tieghu, fuq xi haga li setghat u kellha tindirizza ruhha mill-Principal tieghu stess finalment, bhala ufficjal pubbliku b'poteri assoluti tista' tghid b'mod car u manifest.

*L'espressione* ***dipendente pubblico*** *viene invece spesso si utilizzata in modo generico per riferirsi ad un lavoratore dipendente presso un ente pubblico della pubblica amministrazione, non necessariamente di rilievo statale.*

Hawnhekk, irid isir delinejament legali sew ta' x'jikkonsisti ezatt l-att kriminali jew in-nuqqasijiet li saru jew li setghu gew evitati sabiex li fic-cirkustanzi partikolari ta' dan il-kaz, wiehed jinkwadra ezatt fejn tinsab il-kolpevolezza se mai f'forma ta' komplicita' fuq Ivan Muscat.

L-imputat qua appellanti, jishaq b'mod mill-aktar car, dirett u oggettiv, illi huwa mhux talli kien skonxju tal-fatt illi kienet qed issir illegalita' fis-sustanza ta' kif kienu qeghdin jigu ccertifikati n-nies b'mod ghal kollox abbuziv, izda talli kien l-uniku Principal tieghu stess John Farrugia li beda jaghmel dawn ir-reati fil-kapacita' tieghu ta' ufficcjal pubbliku marbut bir-responsabbilita' li jimla c-certifikazzjoni nawtika

wara li suppost dejjem jikkonsulta mal-kaptani li jaghmlu l-ezaminazzjonijiet ta' kull applikant.

Wiehed irid jibda mill-premessa legali illi bhala impjegat fil-qasam amministrattiv taht il-lenti pubblika, Ivan Muscat, sicurament ma' jistax jitqies bhala ufficjal pubbliku bis-solennita' tal-gurament fl-operat pubbliku u statali tieghu.

Huwa ma kellu ebda obbligazzjonjiet versu c-cittadin Malti, hlief il-kompitu tieghu illi bhala junior clerk b'mod assolut jipprocessa biss id-dokumentazzjoni maghrufa bhala 'nautical licence' skond certifikat mahrug jew ahjar redatt minn l-ufficcjal pubbliku ta' fuqu u cioe il-Manager tal-Yachting Centre John Farrugia, u naturalment l-istess licenzja per konsegwenza kien ikollha l-firma tieghu bhala ricevuta fiha nnifisha ta' tali pprocessar li jkun sar.

Il-kompitu investigattiv ghac-certifikazzjonijiet skond kredenzjali ezaminati mill-MCAST ta' kull applikant ghal din il-licenzja, kienet minn dejjem f'idejn il-Manager tal-Yachting Centre John Farrugia. Dan ta' l-ahhar, f'dan ir-reat li beda jsir zvelalna bl-iktar mod car illi fl-ebda okkazjoni Ivan Muscat ma kien involut hlief meta gie indott minn l-Imghallem tieghu biex josserva certi proceduri specjali li fino in fondo ma kienux daqshekk cari ghal Ivan Muscat.

Hawnhekk ta' min jikkwota ezatt l-akkuzi li fuqhom l-imputat qua appellanti gie misjub hati quddiem l-ewwel Qorti:

(3) Fil-kapacita' taghhom ta' ufficcjali jew impjegati pubblici, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghhom, talbu, ircevew, jew accettaw ghalihom, jew ghalv haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi

vantagg iehor, li ghalihom huma ma kellhomx jedd, u dan bi ksur tal-Artikolu 18 u 115 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(6) U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra, sabiex igieghlu jitwemmen l-ezistenzavta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew, sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b'qerq ta' aktar minn elf Lira Maltin ghad-dannu tal-Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(10) U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacita' taghhom ta' ufficcjali jew impjegati pubblici illi minhabba l-kariga jew l-impjieg taghhom kienu fid-dmir li jaghmlu jew jaghtu dikjarazzjoni jew certifikat, ghamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, kif ukoll talli xjentement ghamlu uzu minn tali dokumenti u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 185 u 186 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligiiet ta' Malta;

(13) U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanza ikkomettew tali reati filwaqt li kienu ufficcjali jew impjegati pubblici, b'hekk saru hatja ta' reati li huma kellhom josservaw biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga taghhom kellhom d-dmir li jimpedixxu dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 141 tal-Ligijiet ta' Malta;

Dawn l-akkuzi u l-Ligijiet li fuqhom gew arginati huma kollha marbutin principalment mal-fatt li kull akkuzat taht vesti pubblika jikkometti reat kriminali fil-konfront tac-cittadin meta ikun suppost qieghed jitrasmetti l-fiducja pubblika fl-operat tieghu.

Jekk wiehed iqis il-pozizzjoni lavorattiva u l-process kollu li kien isir fix-xoghol dak iz-zmien taht is-sezzjoni marittima li kien jahdem tahta Ivan Muscat matul dan iz-

zmien li fuqu gie investigat, tenut kont ukoll tan-naturalezza tal-provi li hargu quddiem l-ewwel Qorti u li mmanifestaw dan kollu, Ivan Muscat, zgur ma setax jigi meqjus bhala ufficcjal pubbliku jew impjegat pubbliku meta dan kellu kompitu ristrett u limitat hafna fix-xoghol tieghu bhala clerk f'ufficcju, kif ser ikun qed johrog berah u jerga' jigi spjegat lil din il-Wisq Onorabbli Qorti.

L-ewwel Qorti kienet gusta li apprezzat illi Ivan Muscat ma kienx u ma jistax jitqies li kien jifforma parti minn xi organizazzjoni ta' kriminalita', pero, naqset li tapprezza li fil-verita' u dan skond rekwiziti cari li japplikaw ghac-cirkustanzi partikolari tieghu, li huwa ma jista' qatt jidhol fil-keffa ta' ufficcjal pubbliku jew impjegat pubbliku fic-cirkustanzi tal-kompitu limitat tieghu li kellu bhala clerk fi hdan il-Malta Maritime Authority, aktar u aktar meta wkoll tqis li l-involviment tieghu f'dak li beda jsehh kien biss li jobdi ghal dak, cioe John Farrugia, li fil-verita' kellu kull obbligu hu stess li jipprotegieh u li ma jdahhlux fix-xibka ta' dak li mil-bidu sal-ahhar, sehh minhabba nuqqas kbir ta' diligenza u kriminalita' minnu stess bhala ufficcjal pubbliku.

IVAN MUSCAT, kif gustament ser jintwera f'dan il-proceduri ta' Appell, u jigi evalwat ukoll ghall-iskritunju ta' din il-Wisq Onorabbli Qorti, meta wasal fil-mument li gie investigat, kkoopera bis-shih mal-Pulizija, u dan mhux ghax xjentement, b'intenzjoni u b'volonta', kien jaf x'tip ta' kriminalita' huwa kien qieghed iservi ta' tapit ghaliha, izda ghaliex anqas biss kien jimmagina, it-tip ta' sitwazzjoni inaccettabbli li John Farrugia, kien qieghed johloq minn wara dahar kulhadd, sa anki minn wara dahar ufficcjali pubblici li kellhom bilfors jintervjenu fil-process sabiex jassiguraw li kollox kien qed isir skond il-Ligi ta' Malta.

Hija kompletament u tista' titqies bhala ingustizzja kbira li fis-socjeta' taghna jibqghu jehlu nies vulnerabbli li verament ikunu vittmi ta' sitwazzjoni bhala mmanifestat ruhha fil-kaz ta' Ivan Muscat.

L-esponenti qua appellant jifhem li huwa gie indott f'labirint ikrah hafna minghand min kellu l-kompitu, anki fid-dawl tal-fiducja pubblika li jgorr fuqu, li jittrasmetti f'kull hin anki fl-agir tieghu, is-sewwa u r-ragonevolezza fl-operat tieghu, pero, wiehed irid japprezza fic-cirkustanzi illi l-istess IVAN MUSCAT, ma setghax jehodha kontra l-Imghallem tieghu, fis-semplicita' tal-kompitu limitat li kellu fi hdan ufficcju bhala clerk, li tista' tigi kkwalifikata bhala 'the tip of the iceberg'.

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali:

Illi l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza tagħha hawn fuq riferita, ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi:-

(i) **meta ma applikatx l-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**;

(ii) meta iddecidiet (f'pagna 21) li stante li l-imputat ma nstabx hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazjoni migjuba fil-konfront tieghu l-Qorti mhux ser tapplika d-disposizjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta u **meta ma applikatx l-Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell.

(i) <u>L-applikazzjoni tal-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>

L-esponent jirrileva li l-Qorti tal-Magistrati ma applikatx l-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta kienet hekk obbligata li taghmel bil-Ligi. L-Artikolu 119 jipprovdi illi :-

> **119.** Il-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa jew interdizzjoni ġenerali speċjali, jew it-tnejn, skont kif ikun il-każ, tiżdied mal-pieni msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-subtitolu, meta l-*maximum* ta' dawn il-pieni jkun iżjed minn sentejn priġunerija; meta l-piena ma tkunx iżjed minn sentejn priġunerija, tiżdied il-piena ta l-interdizzjoni ġenerali temporanja jew interdizzjoni speċjali temporanja, jew it-tnejn, kif ikun il-każ.

Illi ghaldaqstant ghandu jkun pacifiku li meta l-Qorti sabet lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni, ossia r-reat kontemplat taht l-Artikolu 115 tal-Kap 9, liema Artikolu jinsab fl-istess subtitolu, il-Qorti kellha flimkien mal-piena ta' prigunerija tordna ukoll l-interdizzjoni tal-imputat ai termini tal-Artikolu sucitat.

(ii) <u>L-applikazzjoni tal-Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>

L-esponent jirrileva li l-Qorti tal-Magistrati ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-ligi meta iddecidiet (f'pagna 21) li stante li l-imputat ma nstabx hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazjoni migjuba fil-konfront tieghu l-Qorti mhux ser tapplika d-disposizjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan qieghed jinghad ghal zewg ragunijiet :-

(a) Illi jigi rilevat primarjament illi l-Artikolu 5 tal-Kap 373 jitratta l-iffrizar ta' propjeta ta' persuna akkuzata, liema Artikolu gie rez applikabbli ghall-kaz in

ezami permezz tal-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. **Illi l-esponent jirrileva li stante li l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 jitratta l-ordni tal-iffrizar li ssir fil-bidu tal-proceduri, il-Qorti tal-Magistrati kienet diga laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni li tapplika dan l-Artikolu u taghmel l-ordni tal-iffrizar fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2007** (a fol 40 tal-process) u projbit lill-imputat Ivan Muscat milli jitrasferixxi jew jaghti b'rahan, jew xorta ohra jiddisponi minn xi propjeta mobbli jew immobbli u ordnat kommunika lid-Direttur Qrati Kriminali sabiex jiehu l-provedimenti necessarji ai termini tal-Artikolu 5(2)(a) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

(b) Illi dan l-Artikolu huwa applikabbli kull meta persuna tigi akkuzata b'reat rilevanti, li jfisser "kull reat li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja ħlief għal delitt taħt l-Ordinanzi jew taħt l-Att, li għalih tista' tingħata l-piena ta' priġunerija jew ta' detenzjoni għal żmien iktar minn sena." Illi ghaladqstant , kuntrarjament ghal dak dikjarat mill-Qorti ma kienx hemm il-htiega li l-imputat jinstab hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni, jigifieri r-reati kontemplati fl-Artikolu 83A sabiex il-Qorti tapplika l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jigi rilevat ukoll li **l-Qorti kellha f'dan l-istadju tal-proceduri tapplika l-Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, liema Artikolu jipprovdi illi :-

> **23B.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 23 il-qorti għandha, b'żieda ma' kull kastig li jista' jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti u b'żieda ma' kull penali li jista' jeħel korp magħqud taħt id-disposizzjonijiet talartikolu 121D, tordna l-**konfiska** favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut minn min ikun insab ħati sew jekk mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi artikolu 121D.

Illi ghaldaqstant, stante li ghar-ragunijiet suesposti, ghandu jkun pacifiku li l-imputat instab hati ta' reati rilevanti, il-Qorti tal-Magistrati kellha b'zieda mal-piena, tordna ukoll l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jigi mir-reat jew ta' dik il-propjeta li l-valur taghha jkun jikkorispondi ghall-valur ta' dak ir-rikavat.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tal-elfejn u sebgha (2007) Dottor Joseph Camilleri ghan-nom tal-Malta Maritime Authority irrapporta lill-pulizija u talab illi tinbeda investigazzjoni dwar irregolaritajiet dwar l-ghoti tal-licenzji nawtici sabiex jinstaqu bcejjec tal-bahar b'mutur ta' aktar minn mitt horsepower. Il-procedura li kienet tintuza dak iz-zmien kienet li persuni li xtaqu japplikaw ghal dawn il-licenzji kellhom jaghmlu kors gewwa l-MCAST ta' hmistax-il gurnata fil-basic seamanship u kull min jghaddi minn dan l-ezami jkun jista' japplika ghal dawn il-licenzji. Mill-investigazzjonijiet illi saru mill-pulizija irrizulta li kienu inhargu numru ta' licenzji (445) fejn il-persuni koncenati ma kinux ghamlu l-kors tal-MCAST u lanqas ma kienu gew ezentati illi jaghmlu tali kors minhabba xi raguni valida. Bhala rizultat ta' din l-investigazzjoni gew arrestati diversi persuni li jahdmu fl-ufficcju fejn jigu processati dawn il-licenzji gewwa l-Malta Maritime Authority, foshom l-imputat Ivan Muscat. Illi fil-kors tal-investigazzjoni Ivan Muscat wara li nghata s-solita twissija kien stqarr mal-pulizija illi huwa kien induna illi kien hemm applikazzjonijiet illi maghhom kien hemm certifikati tal-MSCAT li ma kinux tajbin u li huwa kien kellem lis-superjur tieghu John Farrugia fejn dan min-naha tieghu kien qallu sabiex jaghlaq ghajnejh u li huwa kien dispost jaqsam mieghu l-qligh involut f'din l-operazzjoni. Farrugia qallu wkoll illi fi kwalunkwe kaz il-firma tieghu tidher fuq ic-certifikati u ghalhekk kien responsabbli ghal dawk ic-certifikati ukoll. Illi fil-fatt irrizulta li John Farrugia kien jghaddi lil Ivan Muscat madwar hamsin lira (Lm50) fix-xahar ghal dan l-iskop izda Muscat stqarr illi huwa ma kienx jaf min kienu l-persuni li kienu jgibu l-applikazzjonijijiet. Illi dawn il-fatti taw lok ghal dawn il-proceduri.

B'sentenza moghtija fl-ghoxrin (20) ta' Frar tal-elfejn u erbatax (2014) (fol 408) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellat Muscat hati tat-tielet, tas-sitta, tal-ghaxar u tat-tlettax-il imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu sentejn prigunerija effettiva. Ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel, tat-tieni, tar-raba', tal-hames, tas-seba', tat-tmienja u tad-disa' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u illiberatu minnhom. U stante li l-hdax u t-tnax-il imputazzjoni nghataw bhala

alternattiva ghall-ghaxar imputazzjoni li taghha l-imputat kien qed jinstab hati, astejniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-ahhar zewg imputazzjonijiet.

Kemm l-imputat kif ukoll l-Avukat Generali appellew minn din is-sentenza. L-imputat hassu aggravat ghax deherlu illi kellu jigi liberat mill-meritu peress li huwa la kien ufficcjal pubbliku u lanqas ma kellu xi rwol effettiv jew importanti f'din l-operazzjoni. U l-Avukat Generali hassu aggravat peress illi l-ewwel Qorti naqset taghti l-ordni ta' interdizzjoni skont l-artikolu 119 tal-Kodici Kriminali u lanqas ma ordnat il-konfiska skont l-artikolu 23B tal-Kap 9. Il-Qorti l-ewwel se titratta l-appell tal-imputat Ivan Muscat.

Ikkunsidrat:

L-appellant argumenta li r-rwol tieghu fil-"yachating directorate" kien illi jipprocessa l-licenzji illi jibaghtlu John Farrugia. Kien semplici skivan u ma setax jitqies bhala ufficcjal pubbliku. Ma kienx jithallas mill-Gvern izda minn Transport Malta minn fondi specifici illi kellha l-bank HSBC. It-tieni aggravju tieghu jikkoncerna l-komplicità fil-falsifikazzjoni. L-appellant jghid illi fuq din ma kellu x'jaqsam xejn. Kienu Alfred Mizzi u John Farrugia illi holqu l-fabrikazzjoni u falsifikazzjoni tal-licenzji marittimi. Muscat gie abbuzat mill-imghallem tieghu u meta induna x'kien qieghed jigri irrapporta lill-istess Farrugia li qallu biex ma jaghtix kas u fi kwalunkwe kaz kienet se tidher il-firma tieghu fuq id-dokument fejn allura kien se jkun responsabbli ghal dak illi kien ser jigri. L-appellant argumenta li hawnhekk beza' ghal hobzu u baqa' fix-xoghol. Ghad illi huwa kien jircievi hamsin lira (Lm50) fix-xahar minghand Farrugia ma kienx hemm il-konkors tal-volontà bejn il-"corruttore" u l-"corrotto". Dan il ghaliex l-appellant Muscat ma kienx jaf il-persuna l-ohra min kienet. Il-flus illi ircieva Muscat bhala kumpliment ghal aderzjoni tieghu ma kinux mitluba minghandu izda gew moghtija direttament mill-imghallem tieghu Farrugia. Il-beneficcju kollu ta' din l-operazzjoni kien jiehdu John Farrugia li minnhom l-appellant Muscat kien jircievi hamsin lira fix-xahar irrespettivament minn kemm jipprocessa licenzji. L-oneru l-obbligu li jara li dawn ir-reati ma jsirux kienu fuq John Farrugia u mhux l-appellant.

Rigward il-piena argumenta illi ghandu kondotta tajba hafna u fedina penali nadifa. Din kienet l-ewwel darba illi kiser difru mal-ligi allura deherlu illi sentenza ta'

sentejn prigunerija effettiva kienet gravuza wisq fil-konfront tieghu. Se mai kieku l-Qorti riedet timponi piena karcerarja dejjem setghet tirrikorri ghal sentenza sospiza.

Ikkunsidrat:

Illi ghal dawk illi huma l-konsiderazzjonijiet dwar l-aspetti legali tal-elementi sostantivi ta' dawn ir-reati, din il-Qorti ma ghandha xejn x'ticcensura f'dak illi qalet l-ewwel Qorti. Anzi dawn huma argumenti perfettament raggungibbli fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u ta' dan l-ewwel Qorti haqqha kull tifhir. Argumentat korrettament illi Muscat kellu jitqies bhala ufficcjal pubbliku ghal kull fini u effetti tal-ligi fil-kuntest tal-artikolu 92 tal-Kodici Kriminali. Irrizulta illi Muscat gie impjegat mal-Awtorità Marittima fis-sebgha (7) ta' Lulju tal-elf disa' mija disgha u disghin (1999) fil-pozizzjoni ta' skrivan. Kien addett fis-Small Ships Register mal-Yachting Directorate u baqa' jokkupa din il-kariga fl-istess dipartiment sal-erbatax (14) ta' Gunju tal-elfejn u sebgha (2007) meta gie sospiz minhabba dan il-kaz. L-Awtorità Marittima hija ente governattiva li tiehu decizjonijiet ezekuttivi ghan-nom tal-Gvern. U ghalhekk indipendentement mill-pozizzjoni illi kien jokkupa u d-decizjonijiet illi kien jiehu l-appellant ghandu jitqies bhala impjegat governattiv u kwindi ufficcjal pubbliku.

It-tieni nett tajjeb argumentat l-ewwel Qorti illi meta l-appellant accetta li jircievi s-somma ta' hamsin lira fix-xahar minghand John Farrugia sabiex jaghlaq ghajnejh u jkompli jipprocessa d-dokumenti ghall-hrug tal-licenzji nawtici meta kien ben konxju mill-fatt li c-certifikati annessi mal-applikazzjonijiet relattivi kienu iffalsifikati, ipoggi lill-appellant nettament fic-censura tal-ligi. Il-hamsin lira ma jistghux jitqiesu bhala rigal irrizorju moghti lil xi skrivan wara l-fatt izda kellha titqies bhala "retainer" sabiex l-appellant jaghlaq ghajnejh ghal dik l-illegalità u jkompli ghaddej fiha. Din l-illegalità kienet in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu.

Ghal dak li jirrigwarda l-bqija tal-meritu dwar l-akkuzi intestati numru tlieta, sitta, ghaxra u tlettax, din il-Qorti m'ghandha xejn x'izzid ma' dak illi qalet l-ewwel Qorti u jidhrilha illi skont il-provi illi kellha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u cioé illi ssib lill-appellant Muscat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet. Però din il-Qorti mhiex aversa ghall-argument tad-Difiza illi forsi l-appellant kien vittma ta' John Farrugia u li kien jghaddi d-dokumenti u

jaccetta l-flus ghaliex kien jibza' minn dak illi qallu Farrugia fis-sens illi stante li kien hemm il-firem tieghu fuq l-atti, kien ser jehel hu, u hawnhekk jidhol certa element ta' biza', irkatt, u intimidazzjoni min-naha ta' Farrugia illi ghelbet il-volontà tal-appellant li jaccetta s-sitwazzjoni kif inhi ghax beza' ghal xi haga aghar li kieku kellu jipprocedi aktar b'din il-vicenda. Il-Qorti filwaqt illi tirrealizza illi l-imputat ma messux waqaf biss ma' John Farrugia imma mar oltre, tifhem ukoll illi forsi ma kellux l-istoffa u l-volontà necessarja sabiex jaghmel hekk u jpoggi r'riskju l-ghajxien tieghu ghax bhala skivan huwa dejjem hass lilu nnifsu bhala huta zghira f'dan il-bahar ta' hut kbir illi kien hemm madwaru. U ghalhekk taqbel illi forsi hemm lok ta' temparament fil-piena. Qabel ma l-Qorti tippronuncja ruhha fuq dan però trid tiddisponi mill-appell tal-Avukat Generali.

Ikkunsidrat:

Kif già nghad l-appell tal-Avukat Generali huwa msejjes fuq il-fatt illi l-ewwel Qorti naqset illi tinforza l-artikolu 119 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 23B tal-istess Kodici Kriminali. Fost affarijiet ohra l-artikolu 119 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi "il-piena ta' interdizzjoni generali ... tizdied mal-pieni msemmijin fl-artikolu ta' qabel ta' dan is-subartikolu meta l-maximum ta' dawn il-pieni jkun izjed minn sentejn prigunerija ...". Irrizulta illi Ivan Muscat instab hati tat-tielet imputazzjoni ossija r-reat kontemplat taht l-artikolu 115B tal-Kap 9 illi jippreskrivi piena ta' prigunerija minn disa' xhur sa hames snin. Kwindi aktar minn sentejn. Ghalhekk il-Qorti kienet obbligata illi flimkien mal-piena timponi l-interdizzjoni generali perpetwa. L-istess jinghad dwar l-artikolu 23B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi "... il-Qorti ghandha b'zieda ma' kull kastig li jista' jinghata b'sentenza min jinstab hati ta' reat relevanti u b'zieda ma' kull penali li jehel korp maghdud taht id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 121D tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jigi mir-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur taghha jkun jikkorrispondi ghall-valur ta' dak ir-rikavat ...". Din il-Qorti tirrileva li l-Qorti tal-Magistrati kienet digà laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni li tapplika ordni ta' iffrizar skont l-artikolu 5 tal-Kap 373 permezz ta' digriet tad-disgha (9) ta' Lulju elfejn u sebgha (2007) (fol 40).

Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali ghar-rigward tal-interdizzjoni u konfiska jisthoqq li jkun milqugh.

Din il-Qorti taqta′ u tiddeciedi u tiddispondi miz-zewg appelli billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant Ivan Muscat hati tat-tielet, tas-sitta, tal-ghaxra u tat-tlettax imputazzjoni u fejn ma sabitux hati tal-ewwel, tat-tieni, tar-raba′, tal-hames, tas-seba′, tat-tmienja u tad-disa′ imputazzjoni u fejn iddikjarat illi stante li l-hdax u t-tnax imputazzjoni inghataw bhala alternattiva ghall-ghaxar imputazzjoni, astjenijiet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom, kif ukoll fejn ikkundannatu ghall-piena ta′ sentejn prigunerija, tirriformaha fil-modalità ta′ din il-piena fis-sens illi wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9 tordna li dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien tlett snin mil-lum.

B′applikazzjoni tal-artikoli 119 u 23B tal-Kap 9 tordna ukoll l-interdizzjoni generali perpetwa tal-appellant Ivan Muscat u l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat illi gie mir-reat jew ta′ dik il-proprjetà li l-valur taghha jkun jikkorrispondi ghall-valur ta′ dak ir-rikavat ricevut mill-appellant.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------